A.L. 143 ta' l-2005

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti ta' l-2005 li jħassru r-Regolamenti dwar il-Korporazzjoni Telemalta (Elezzjoni ta' Direttur-Ħaddiem)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni wara li kkonsulta ma' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jħassru r-Regolamenti dwar il-Korporazzjoni Telemalta (Elezzjoni ta' Direttur-Ħaddiem).

Tħassir ta' l-A.L. 64 ta' l-1987.

2. Ir-Regolamenti ta' l-1987 dwar il-Korporazzjoni Telemalta (Elezzjoni ta' Direttur-Ħaddiem), huma b'dan imħassra.